VERŻJONI ELETTRONIKA

K.L.B.L 41/05/2012

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Bye-Laws tal-2012 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali L-Imsida)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33, 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali L-Imsida għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2012 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali L-Imsida).

Tifsir.

2. F'dan il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx meħtieġ xort'oħra:

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija minn awtoritajiet kompetenti għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet sabiex jiġi kkunsmat ikel u xorb;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"kontenitur tal-ħġieġ" tinkludi fliexken, tazzi u, jew xi kontenituri tal-ħġieġ ieħor maħsub biex fih jiġi servut xi xorb;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali L-Imsida;

"lokalità" tfisser il-lokalità tal-Imsida;

"post pubbliku" tfisser it-toroq ġewwa l-lokalità tal-Imsida kif murija fl-Iskeda A;

"toroq" tfisser dawk it-toroq kif murija fl-Iskeda A.

Tlajjar waqt li wieħed jixrob minn kontenitur ta' ħġieġ.

3. Ebda persuna ma tista' titlajja f'xi post pubbliku filwaqt li tixrob minn xi kontenitur tal-ħġieġ.

Ġarr ta' kontenituri tal-ħġieġ li jkun fihom l-alkoħol.

4. Ebda persuna ma tista' ġġorr xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'post pubbliku jekk mhux f'kontenitur issiġillat u li ma jkunx miftuħ.

Konsum ta' alkoħol f'arei msemmija.

5. Ebda persuna ma tista' tikkonsma xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'kontenitur tal-ħġieġ f'postijiet pubbliċi ħlief fl-arei msemmija.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Stabbilimenti kummerċjali.

6. Kull stabbiliment kummerċjali li jkun jinsab fil-lokalità jbiegħ ix-xorb għandu:

(a) jwaħħal avviż bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif muri fl-Iskeda B, u dak l-avviż għandu jintwera f'post fejn ikun jidher sew u jinqara faċilment mill-klijenti tal-istess stabbiliment kummerċjali; u

(b) jipprovdi kontenituri magħmulin minn materjal li ma jkunx ħġieġ jekk dan ix-xorb ikun ser jiġi kkunsmat f'xi post pubbliku.

Reati u pieni.

7. Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws* teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' ħamsa u sittin euro (€65.00) għal dik il-kontravvenzjoni, kif ukoll ammenda oħra ta' għaxar euro (€10.00) għal kull jum li fih tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA A

(Artikoli 2, 6)

Lista ta' Toroq li fihom ma jistax jiġi kkunsmat xorb alkoħoliku jew xorb ieħor f'kontenituri tal-ħġieġ.

- Triq Oscar Żammit
- Triq il-Baċir
- Triq John Borg
- Triq Misraħ il-Barrieri
- Triq Ġwann Mamo
- Triq Villambrosa
- Triq Bordin
- Triq San Ġużepp
- Triq Imħallef Paolo Debono
- Triq l-Esperanto
- Triq Carmelo Żammit

SKEDA B

(Artikolu 6(a))

1. THE CONSUMPTION OF BEVERAGES IN GLASS CONTAINERS OUTDOORS IS PROHIBITED BY LAW

2. THE CONSUMPTION OF ALCOHOL IN THE STREETS IS PROHIBITED BY LAW

3. THE CARRYING OF ALCOHOL IN THE STREETS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW

---

1. IL-KONSUM FIT-TRIQ TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ HU PPROJBIT BIL-LIĠI

2. IL-KONSUM TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ HU PPROJBIT BIL-LIĠI

3. IL-ĠARR TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI

_____